# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 8 ta' Mejju, 2025**

**Numru: 10**

**Ċitazzjoni Numru: 1000/1999/1 FDP**

**Fenech Oil and Petroleum Limited**

**v.**

**Car Care Products Limited u b'digriet tal-21 ta' Novembru 2013, ġiet kjamata fil-kawża s-soċjetà Euch. Zammit Company Limited ġia Euch. Zammit & Sons Limited (C-1900)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-kumpanija attriċi Fenech Oil and Petroleum Limited minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Settembru, 2023, li ċaħdet it-talbiet attriċi sabiex jiġu dikjarati nulli u bla effett il-proċeduri tal-bejgħ bl-irkant numru 429/1996, u l-liberazzjoni li seħħet favur il-kumpanija konvenuta jew terzi, b'konsegwenza tal-istess bejgħ bl-

irkant, kif ukoll li tissospendi kull proċedura u kull att marbut mal-istess bejgħ bl-irkant sakemm tiġi deċiża b'mod finali l-kawża fl-ismijiet ***Fenech Oil and Petroleum Limited v. Car Care Products Limited*** **(Ċitazzjoni Numru 2368/98).**

**Daħla**

2. Permezz ta' ċitazzjoni mressqa fl-1 ta' Mejju, 1999, il-kumpanija attriċi fissret li b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fid-19 ta' Novembru, 1993, fl-ismijiet ***David Mifsud nomine v Michaelangelo Fenech nomine*** (Ċitazzjoni Numru 1597/93), l-attur *nomine* ġie kanonizzat bħala kreditur tal-konvenut *nomine* fis-somma ta' Lm30,000.

3. Il-kumpanija attriċi tfisser illi sussegwentement hija mexxiet il-kawża fl-ismijiet ***Fenech Oil and Petroleum Limited v. Car Care Products Limited***, (Ċitazzjoni Numru 2368/98) fejn ġiet imqanqla n-nullità tas-sentenza tad-19 ta' Novembru, 1993.

4. Il-kumpanija attriċi tissokta tgħid li b'eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija fl-ismijiet fuq imsemmija, il-kumpanija Car Care Products Limited għaddiet sabiex ippreżentat l-Atti tas-Subbasta numru 429/96 fl-ismijiet ***Car Care Products Limited v. Fenech Oil and Petroleum Limited***, li waslet sabiex l-effetti mobbli konsistenti fi żjut tal-karrozzi

"Texaco" u oġġetti l-oħra simili, kif ukoll barkun li jġorr iż-żejt ġew mibjugħa lil terzi persuni.

5. Il-kumpanija attriċi tkompli tfisser kif l-ewwel darba li ġiet avżata b'din is-subbasta kienet permezz ta' notifika magħmula bil-proċedura tal-affissjoni, jumejn biss qabel id-data li fiha kellha ssir din is-subbasta.

6. Jingħad mill-kumpanija attriċi li l-atti tal-bejgħ bl-irkant huma nulli u bla effett skont il-liġi, ġaladarba l-ammont li tiegħu qiegħda tippretendi l-ħlas il-kumpanija Car Care Products Limited qiegħed jiġi kkontestat fl-imsemmija kawża, kif ukoll peress illi n-notifika ta' din s-subbasta qatt ma ġiet effettivament u validament magħmula. Tisħaq li minkejja li saret il-pubblikazzjoni tal-avviż tal-istess fil-Gazzetta tal-Gvern, dan l-Avviż ma ġiex ippubblikat f'Gazzetti Lokali skont dak li jipprovdi l-**Artikolu 314(2) (b) (v) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

7. Għalhekk il-kumpanija attriċi ressqet din il-kawża sabiex il-Qorti:

> «*1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-Atti tas-Subbasta numru 429/96 fl-ismijiet* ***Car Care Products Limited v. Fenech Oil and Petroleum Limited*** *huma nulli u bla effett skont il-Liġi;*
>
> *2. Tiddikjara konsegwentement illi l-liberazzjoni tal-oġġetti favur is-soċjetà konvenuta jew terzi hija nulla u bla effett skont il-Liġi.*
>
> *3. Tissospendi konsegwentement kull proċedura u kull att konness mas-Subbasta fuq imsemmija sakemm tiġi deċiża definittivament il-kawża fl-ismijiet fl-ismijiet* ***Fenech Oil and Petroleum Limited v. Car Care Products Limited*** *Ċit nru. 2368/98;*

*Bl-ispejjeż, kontra s-soċjetà konvenuta li tibqa' minn issa inġunta għas-subizzjoni.»*

8. Il-kumpanija Car Care Products Limited ressqet in-nota tal-eċċezzjonijiet tagħha fid-29 ta' Settembru, 2000, u eċċepiet:

*«1. Illi l-kumpannija tinnota li azzjonista tagħha ppreżenta rikors fl-atti ta' din il-kawża fejn talab li jiġu appuntati kuraturi sabiex jirrappreżentaw il-kumpannija f'din il-kawża; Illi l-kumpannija tinnota li tali rikors għadu ma ġiex iddegretat stante li għadu għaddej it-terminu għar-risposta wara r-rikors ġie notifikat lill-partijiet skont l-ordni ta' din l-Onorabbli Qorti. Illi stante dawn il-fatti u minħabba t-terminu perentorju għall-eċċezzjonijiet il-kumpannija, għall-korrettezza, għandha tirreġistra l-pożizzjoni tagħha dwar it-talbiet attriċi.*

*2. Illi l-kumpannija konvenuta ma tistax ma taqbilx mal-fatti kif esposti mill-kumpannija attriċi, inkwantu li dawn il-fatti huma sorretti minn dokumentazzjoni li għandhom ikunu miġjuba għall-eżami ta' din l-Onorabbli Qorti.*

*3. Illi l-fatti huma li fiż-żmien li ġraw l-affarijiet mertu ta' din il-kawża l-affarijiet tal-kumpannija kienu qed jitmexxew illegalment mid-direttur tal-kumpanija Alfred Fenech b'mod li saru abbużi mill-organi soċjali tal-kumpanija.*

*4. Illi l-kumpanija ma trid tagħmel l-ebda qligħ li ma huwiex tagħha u għalhekk tirrimetti ruħha għad-deċizjoni tal-Qorti fuq dan il-punt. B'danakollu l-kumpanija ma għandha tbati l-ebda spejjeż billi dan kollu ġara tort tal-abbużi u frodi mwettqa minn direttur wieħed tal-kumpannija kontra dak li hemm stabbilit fl-istatut soċjetarju.*

*5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

9. Il-kumpanija attriċi talbet is-sejħa fil-kawża tal-kumpanija Euch. Zammit Company Limited fid-9 ta' Lulju, 2013, u dan peress illi kienet din il-kumpanija li akkwistat l-oġġetti mibjugħa bis-subbasta 429/96, liema talba ntlaqgħet fl-10 ta' Lulju 2013.

10. Wara li ġiet notifikata fl-14 ta' Frar, 2014, il-kumpanija msejħa fil-kawża Euch. Zammit Company Limited, fit-18 ta' Frar, 2014, ressqet in-nota tal-eċċezzjonijiet tagħha, u eċċepiet:

> *«1. Illi in linea preliminari l-azzjoni attriċi fil-konfront tas-soċjetà eċċipjenti hija preskritta ai termini tal-**Artikolu 356(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**).*
>
> *2. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, in linea preliminari wkoll, l-azzjoni attriċi fil-konfront tas-soċjetà eċċipjenti hija preskritta ai termini tal-**Artikolu 2086 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta)**.*
>
> *3. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, fil-mertu l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-atti tas-subbasta numru 429/1996 fl-ismijiet **Car Care Products Limited v. Fenech Oil and Petrolium Limited** huma validi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u dana kif ser jiġi aħjar ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*
>
> *4. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, inkwantu jikkonċerna t-tielet talba attriċi din hija llum fi kwalsiasi każ insostenibbli stante li s-subbasta inkwistjoni tkompliet, ġiet konkluża u l-barge mertu tal-istess ġiet debitament illiberata.*
>
> *5. Illi sussidjarjament u dejjem mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-azzjoni attriċi ma tistax tirnexxi u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż, u dana stante l-fatt li l-kawża fl-ismijiet **Fenech Oil and Petrolium Limited v. Car Care Products Limited** (Ċit Nru. 2368/1998) imsemmija fiċ-ċitazzjoni attriċi u dikjarazzjoni annessa, u li fuqha s-soċjetà attriċi qed tibbaża l-azzjoni odjerna, ġiet ċeduta mill-istess soċjetà attriċi fl-20 ta' Mejju 2009 permezz ta' Nota ta' Ċessjoni (stante transazzjoni) u dana kif jirriżulta mill-anness Dok. E1.*
>
> *6. Illi sussidjarjament u dejjem mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, il-bażi ta' l-azzjoni attriċi, u ċjoè li hija qed tattakka s-sentenza fl-ismijiet **David Mifsud nomine v. Michelangelo Fenech nomine** (Ċit Nru. 1597/1993) deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fid-19 ta' Novembru 1993, hija fi kwalsiasi każ waħda bla ebda bażi legali u s-soċjetà attriċi kellha mezzi oħra skont il-liġi sabiex tikkontesta tali proċeduri.*
>
> *7. Illi sussidjarjament u dejjem mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, kwalsiasi proċeduri ġudizzjarji li seta' kien hemm jew hemm bejn is-soċjetà attriċi u dik konvenuta inkwantu jikkonċerna xi pretensjoni daparti tas-soċjetà konvenuta fil-konfront ta' dik attriċi jew vice versa huma estranji għas-soċjetà eċċipjenti stante li hija mhux parti fihom.*

*8. Illi sussidjarjament u dejjem mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-azzjoni attriċi hija waħda għalkollox frivola u vessatorja u dana kif ser jiġi wkoll aħjar ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża u dana stante li fost l-oħrajn kemm is-soċjetà attriċi kif ukoll dik konvenuta għandhom direttur in komun bejniethom u ċjoè Michael Angelo Fenech.*

*9. Illi sussidjarjament u dejjem mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-attriċi fil-konfront tas-soċjetà eċċipjenti ma tistax tirnexxi u hija ma għandha tbati l-ebda spejjeż, u dana stante li hija aġġixxiet in buona fede u akkwistat il-barge mertu tas-subbasta inkwistjoni in buona fede u skont il-liġi.*

*10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.»*

11. B'sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-28 ta' Settembru, 2023, il-kawża ġiet deċiża fis-sens li ġew miċħuda t-talbiet attriċi, bl-ispejjeż tal-istess proċeduri jitħallsu minnha.

12. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti tiddeċiedi hekk din il-kawża, kienu dawn:

*«26. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi fid-**<u>19 ta' Novembru 1993</u>**, is-soċjetà intimata Car Care Products Limited, rappreżentata minn David Mifsud, ottjeniet sentenza 1597/1993 kontra s-soċjetà rikorrenti Fenech Oil and Petroleum Limited, rappreżentata minn Michael Angelo Fenech, mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fejn is-soċjetà rikorrenti odjerna ġiet ordnata tħallas is-somma ta' Lm30,000 – kopja ta' dina s-sentenza ma jidhirx illi qatt ġiet ippreżentata lil dina l-Qorti.*

*27. Jirriżulta illi permezz ta' Mandat ta' Qbid Nru 1007/96CX, fil-21 ta' Frar 1996, is-soċjetà intimata Car Care Products Limited ipproċediet biex teżegwixxi s-sentenza mogħtija fid-19 ta' Novembru 1993. (fol 219)*

*28. Jirriżulta illi fit-3 ta' Ottubru 1996, is-soċjetà rikorrenti intavolat proċeduri fl-atti tal-Mandat 1007/96 fejn għarrfet li ppreżentat ċitazzjoni fil-Qorti fejn talbet, fost affarijiet oħra, is-sospensjoni tal-proċeduri odjerni, u għalhekk talbet illi l-eżekuzzjoni tal-Mandat jiġi sospiż. (fol 321)*

*29. Jirriżulta illi s-soċjetà intimata Car Care Products Limited oġġezzjonat għal tali talba u b'digriet tal-24 ta' Ottubru 1996, it-talba tas-soċjetà rikorrenti għal sospensjoni ġiet miċħuda. (fol 324)*

*30. Jirriżulta illi, sussegwentement, b'rikors intavolat fl-24 ta' Diċembru 1996, is-soċjetà intimata Car Care Products Limited talbet li l-oġġetti maqbuda jiġu mibjugħa b'subbasta. (fol 347)*

*31. Jirriżulta illi fl-20 ta' Jannar 1997, il-Qorti ordnat li s-subbasta ssir fil-25 ta' Frar 1997 (fol 346), liema subbasta ma saritx.*

*32. Jirriżulta illi sussegwentement, fis-27 ta' Frar 1997, il-Qorti reġgħet ordnat illi ssir is-subbasta fit-23 ta' April 1997. (fol 341)*

*33. Jirriżulta illi fid-9 ta' April 1997, is-soċjetà intimata talbet li tkun tista' tagħmel offerti 'animo compensandi". (fol 334)*

*34. Jirriżulta illi fid-9 ta' April 1997, is-soċjetà intimata Car Care Products Limited għarrfet lill-Qorti li għas-subbasta li kellha ssir fit-23 ta' April 1997, is-soċjetà rikorrenti Fenech Oil and Petroleum Limited kienet għadha mhux notifikata, u għalhekk talbet li tiġi notifikata permezz tal-proċedura tal-affissjoni (fol 327) fejn il-Qorti, fl-10 ta' April 1997 awtorizzat in-notifika bl-affissjoni fejn qalet, fost affarijiet oħra "il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, f'Gazzetta ta' kuljum bil-Malti u f'oħra ta' kuljum bl-Ingliż". (fol 326)*

*35. Jirriżulta illi fit-23 ta' April 1997, wara rikors ippreżentat mis-soċjetà rikorrenti għas-sospensjoni tas-subbasta ppreżentat fl-10 ta' April 1997 (fol 361), is-subbasta ġiet sospiża. (fol 325)*

*36. Jirriżulta illi permezz ta' rikors datat 19 ta' Jannar 1999, is-soċjetà kjamata in kawża ġa Euch Zammit & Sons Limited, illum Euch Zammit Company Limited, ippreżentat rikors fl-atti tas-subbasta 429/96 li kien jgħid dan li ġej: (fol 281-282)*

> *Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ fl-ismijiet **George Zammit għan-nom u in rappreżentanza tas-Soċjetà Euch. Zammit & Sons Limited v. Michael Fenech għan-nom u in rappreżentanza tas-Soċjetà Fenech Oil & Petroleum Co. Ltd**. mogħtija fit-23 ta' Marzu 1992 is-soċjetà esponenti ġiet awtorizzata teżegwixxi s-sentenza fl-ismijiet mogħtija fl-14 ta' April 1981 sabiex tottjeni l-pagament ta' tlett elef u tmien mija u ħames Liri Maltin u tmenin ċenteżmu (Lm3805.80) bl-imgħax legali mit-18 ta' Novembru 1988 li sal-lum jammonta għal tlett elef u ħamsa u disgħin Lira Maltin u tmienja u tletin ċenteżmu (Lm3095.38) oltre s-somma ta' tnejn u disgħin Lira Maltin u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm92.24) spejjeż ġudizzjarji skont l-annessa taxxa (Dok. A) b'kollox sitt elef u disa' mija u tlieta u disgħin Lira Maltin u tnejn u erbgħin ċenteżmu (Lm6993.42).*
>
> *Illi s-sorte fil-kawża msemmija jirrapreżenta l-bilanċ tal-prezz tal-oġġett li jinsab għall-bejgħ fl-odjerna subbasta.*
>
> *Illi sal-lum is-soċjetà debitriċi baqgħet ma ħallset xejn.*

*Illi b'digriet mogħti fl-20 ta' Jannar 1997, dina l-Onorabbli Qorti ordnat il-bejgħ in subbasta tal-oġġetti maqbuda u b'digriet tal-14 ta' Lulju 1998 ġie ffissat il-jum tat-12 ta' Ottubru 1998, għall-bejgħ in subbasta ta' dawn l-oġġetti.*

*Illi s-subbasta baqgħet ma saritx stante illi d-debitur, Fenech Oil & Petroleum Co. Ltd. u l-kreditur eżekutant Car Care Products Limited baqgħu ma ġewx notifikati.*

*Illi s-soċjetà esponenti bħala kreditriċi kanonizzata għandha interess illi din is-subbasta titkompla.*

*Għaldaqstant is-soċjetà esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha terġa' tappunta jum, ħin u lok għall-bejgħ tas-subbasta.*

*37. Jirriżulta illi fis-27 ta' Jannar 1999, il-Qorti appuntat il-bejgħ bis-subbasta għat-30 ta' April 1999. (fol 283)*

*38. Jirriżulta illi, fid-29 ta' April 1999, is-soċjetà rikorrenti Fenech Oil & Petroleum Co Ltd ippreżentat b'ċedola ta' depożitu ta' Lm25 biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tas-sospensjoni tal-istess subbasta. (fol 293)*

*39. Jirriżulta illi kontestwalment ma' tali ċedola, is-soċjetà rikorrenti ppreżentat rikors fejn għamlet referenza għall-kawża minnha intavolata 2368/98 kif ukoll il-fatt illi hija ma ġietx notifikata skont il-Liġi, u talbet li s-subbasta 429/96 tiġi sospiża. (fol 294)*

*40. Jirriżulta illi fit-30 ta' April 1999, it-talba tas-soċjetà rikorrenti ġiet miċħuda. (fol 294)*

*41. Jirriżulta illi fit-30 ta' April 1999, sar "il-bejgħ bl-irkant tal-Barge ta' kulur aħmar u aħdar, li titrasporta ż-żejt, maqbuda mingħand Fenech Oil & Petroleum Limited", li "ġiet liberata definittivament għaf-favur ta' Euch Zammit Co Limited bil-prezz imsemmi ta' Lm2250 animo compensandi. Din l-Barge ġiet liberata 'Tale Quale'". Dana l-att ġie ppreżentat fir-Reġistru tal-Qorti fl-4 ta' Mejju 1999. (fol 313)*

*42. Jirriżulta illi, sussegwentement, fl-1 ta' Mejju 1999, ġie ppreżentat Mandat ta' Inibizzjoni Nru 2200/99 biex iżżomm lis-soċjetà Care Care Products Limited u r-Reġistratur tal-Qorti milli jittrasferixxu ż-żjut u l-barge. (fol 301)*

*43. Jirriżulta illi fl-1 ta' Mejju 1999, il-Qorti rrifjutat it-talba tal-Mandat ta' Inibizzjoni għal dak illi jirrigwarda ż-żjut filwaqt illi rriżervat illi tipprovdi dwar il-Barge wara li tiġi a konjizzjoni "jekk in-notifika tal-atti tas-subbasta sarux kif tgħid il-liġi, partikolarment l-Art 314 (2) tal-Kap 12". (fol 305)*

*44. Jirriżulta illi fl-4 ta' Mejju 1999, il-Qorti laqgħet it-talba tal-Mandat ta' Inibizzjoni limitatament għall-barge u dana "sakemm issir n-notifika skont il-Liġi tal-atti tas-subbasta." (fol 310)*

*45. Jirriżulta illi fl-1 ta' Mejju 1999, ġiet intavolata il-kawża odjerna.*

***Ikkunsidrat***

*46. Jirriżulta, mill-provi prodotti quddiem dina l-Qorti, illi permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ Ċitazzjoni Nru 1597/93 mogħtija fid-19 ta' Novembru 1993, is-soċjetà intimata Car Care Products Limited, li fiha l-azzjonist ewlieni tas-soċjetà rikorrenti Michael Angelo Fenech, kellu nofs l-ishma, filwaqt illi ħuh, Alfred Fenech, kellu n-nofs l-ieħor, kienet ottjeniet sentenza kontra s-soċjetà rikorrenti Fenech Oil & Petroleum Company Limited, illi hija ta' Michael Angelo Fenech li kellu l-ishma kważi kollha, għall-ħlas ta' Lm30,000.*

*47. Jirriżulta illi fil-21 ta' Frar 1996, is-soċjetà intimata ħarġet Mandat ta' Qbid Nru 1007/96CX abbażi tas-sentenza fuq ċitata.*

*48. Jirriżulta illi s-soċjetà intimata, sussegwentement, talbet illi l-oġġetti hekk maqbuda jiġu mibjugħa bl-irkant, liema talba saret fl-24 ta' Diċembru 1996.*

*49. Jirriżulta illi, kemm qabel tali data, kif ukoll wara tali data, saru varji rikorsi da parte tas-soċjetà rikorrenti sabiex tissospendi l-bejgħ in subbasta, fejn riżultat ta' hekk is-subbasta twaqqfet milli ssir ta' mill-anqas erba' darbiet.*

*50. Jirriżulta illi fid-19 ta' Jannar 1999, din id-darba fuq talba tas-soċjetà kjamata in kawża Euch Zammit Company Limited, il-Qorti ntalbet li terġa' tirriappunta s-subbasta in vista ta' pretensjoni illi kellha s-soċjetà Euch Zammit Company Limited, liema talba ntlaqgħet fis-27 ta' Jannar 1999. (vide para 36 u 37)*

*51. Jirriżulta illi s-subbasta kienet appuntata biex isseħħ fit-30 ta' April 1999.*

*52. Jirriżulta li fid-29 ta' April 1999, is-soċjetà rikorrenti ippreżentat rikors sabiex titlob is-sospensjoni tas-subbasta, u dana għal tlett raġunijiet:*

- *a. Li l-meritu tal-pretensjoni tas-soċjetà Car Care Products Limited qiegħed jiġi kkontestat b'kawża 2368/98 fl-ismijiet* ***Fuel Oil & Petroleum Company Limited v. Car Care Products Limited****;*
- *b. Li s-sentenza fuq indikata qiegħda tintalab li tiġi dikjarata nulla;*
- *c. Li ma saritx in-notifika f'Gazzetti Lokali skont l-Artikolu 314 (2) (b) (v) tal-Kap 12.*

*53. Jirriżulta illi tali rikjesta ġiet miċħuda mill-Qorti u fit-30 ta' April 1999 saret is-subbasta tal-merkanzija taż-żejt u l-Barge.*

*54. Jirriżulta illi fl-1 ta' Mejju 1999, is-soċjetà rikorrenti nediet il-proċeduri odjerni fejn reġgħet qajmet l-istess argumenti mressqa fir-rikors tad-29 ta' April 1999 u għalhekk talbet li:*

*a. Tiddikjara l-liberazzjoni tal-oġġetti riżultat tas-subbasta bħala nulli.*
*b. Tissospendi s-subbasta sakemm tiġi deċiża l-kawża 2368/98.*

*55. Jirriżulta wkoll illi s-soċjetà rikorrenti intavolat ukoll Mandat ta' Inibizzjoni Nru 2200/99 fl-1 ta' Mejju 1999 li ġie parzjalment milqugħ da parte tal-Qorti fejn jirrigwarda l-barge, sakemm isiru n-notifiki neċessarji.*

*56. Jirriżulta illi l-kawża 2368/98 ġiet ċeduta mis-soċjetà rikorrenti fit-28 ta' Mejju 2009.*

*57. Jirriżulta li, minn dakinhar 'il quddiem, il-kawża odjerna tkaxkret għal aktar minn erbgħa u għoxrin (24) sena sakemm eventwalment il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet bil-miktub u għas-sentenza.*

***Ikkunsidrat***

*58. Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-każ odjern huwa "text book case" dwar kif kawża tista' tittawwal u titkaxkar inutilment u bla bżonn għal snin twal għal ebda raġuni assoluta għajr għall-benefiċċju ta' parti li tkun trid tabbuża bil-proċeduri tal-Qorti u dana riżultat ta' manipulazzjoni u abbuż tal-proċeduri tal-Qorti kkawżati minn parti li tkun trid tagħmel ħsara lill-parti oħra.*

*59. Dana jingħad għax kawża li meta wieħed jeżaminha legalment, hija prettament sempliċi u faċili biex tikkonkludi, ħadet aktar minn erbgħa u għoxrin sena sabiex tasal fi stadju ta' sottomissjonijiet finali.*

*60. Tali dewmien ma jagħmel ebda ġid għall-proċess ġudizzjarju u ma jista' qatt jirrifletti sew fuq il-persuni kollha li kienu b'xi mod involuti fl-andament tal-kawża.*

*61. Ikkunsidrat dan, meta wieħed jikkunsidra t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti, joħroġ ċar li s-soċjetà rikorrenti qiegħda titlob żewġ affarijiet:*

*a. Il-liberazzjoni ta' 'barge' li saret fit-30 ta' April 1999 għandha tiġi dikjarata nulla għax is-soċjetà rikorrenti ma ġietx notifikata kif tmiss il-Liġi bis-subbasta;*
*b. Li s-subbasta għandha tiġi sospiża sakemm tiġi deċiża l-kawża 2368/98.*

*62. Il-Qorti tibda billi tosserva illi t-tieni talba tas-soċjetà rikorrenti ma tistax tiġi aktar ikkunsidrata peress illi ben erbatax-il sena ilu, ossia fit-28 ta' April 2009, il-kawża 2368/98 ġiet ċeduta wara ftehim bejn il-partijiet – il-Qorti għalhekk kienet tippretendi illi, f'xi mument wara dakinhar, is-*

*soċjetà rikorrenti tindenja ruħha illi tgħarraf lill-Qorti illi ma hijiex qiegħda tinsisti dwar tali talba. Dana, madanakollu, qatt ma sar.*

*63. Għalhekk, it-tieni talba qiegħda tiġi miċħuda.*

*64. Ikkunsidrat dan, il-Qorti tgħaddi biex tqis l-ewwel talba, ossia n-nullità tal-liberazzjoni għax ma saritx in-notifika skont il-Liġi.*

*65. Il-Qorti tibda biex tistqarr illi l-ħsieb u l-bażi tal-liġi dwar in-notifika hija sabiex jiġi assikurat li kull persuna illi huwa involut f'xi proċess ġudizzjarju jiġi mgħarraf b'tali proċeduri QABEL ma' tali proċeduri jiġu konklużi. Ir-raġuni warajha hija waħda ċara, ossia illi jiġi assikurat illi l-Ġustizzja ssir mingħajr ħsara għall-drittijiet tal-persuni illi kontra tagħhom qed isir xi azzjoni, u sabiex jiġi assikurat li huwa jiġi mgħarraf bl-azzjoni minn qabel.*

*66. Fil-każ odjern, is-soċjetà rikorrenti qiegħda tikkontendi li l-liberazzjoni li saret fit-30 ta' April 1999 hija nulla għax ma sarux in-notifiki fil-Gazzetti Lokali.*

*67. Din il-Qorti, madanakollu, ma tistax ma tosservax illi, kif del resto ammettiet is-soċjetà rikorrenti fir-rikors promotur tagħha, hija ġiet notifikata bid-data tas-Subbasta jumejn qabel ma kellha ssir is-subbasta.*

*68. Din il-Qorti ukoll ma tistax ma tosservax illi l-istess soċjetà rikorrenti, mhux talli ġiet notifikata attwalment tlett ijiem qabel is-subbasta u mhux jumejn, iżda addirittura, fid-29 ta' April 1999, hija ppreżentat rikors fl-atti tas-subbasta (fol 294), fejn talbet illi s-subbasta tiġi sospiża għax kellha l-kawża 2368/98 pendenti u għax in-notifika ma saritx fil-Gazzetti Lokali.*

*69. Din il-Qorti tirrileva li, fil-mument illi s-soċjetà rikorrenti ppreżentat ir-rikors fl-atti tas-subbasta fid-29 ta' April 1999, hija awtomatikament tat ruħha notifikata, għall-effetti kollha tal-liġi bil-proċeduri kollha u ddikjarat ruħha ben konxja tal-fatt li fit-30 ta' April 1999, kienet ser issir is-subbasta. Dana qiegħed jingħad anke in vista ta' dak minnha stess iddikjarat fir-rikors tad-29 ta' April 1999 fejn qalet is-segwenti: Illi nhar it-Tlieta 27 ta' April 1999, s-soċjetà rikorrenti għall-ewwel darba ġiet informata illi b'notifika magħmula bil-proċedura tal-Affissjoni illi b'digriet dina l-Onorabbli Qorti, li fl-30 ta' April 1999, bejn id-disgħa u nosfinhar, kien ġie appuntat il-bejgħ fl-irkant fl-ismijiet fuq premessi, liema bejgħ jirrigwarda l-effetti mobbli u konsistenti fear oils "Texaco", Collants "Texaco" u oġġetti oħra simili, kif ukoll ta' Barge li titrasporta ż-żejt elenkati fir-referta tal-istess Marixxall fil-kors tal-Mandat ta' Qbid numru 1007/96 illi ppreċeda din is-subbasta fl-ismijiet fuq premessi.*

*70. Jirriżulta, għalhekk, illi l-element tan-notifika mixtieqa mil-Liġi u l-assikurazzjoni li l-partijiet kkonċernati ġew debitament mgħarrfa ġie ben sodisfatt fil-mument meta s-soċjetà rikorrenti ppreżentat ir-rikors fuq imsemmi.*

*71. B'analoġija, il-Qorti tosserva illi meta f'kawża, li hija appuntata għas-smigħ quddiem il-Qorti fejn tkun ordnat in-notifika tal-kontroparti bil-pubblikazzjoni u affissjoni, qabel ma ssir il-pubblikazzjoni jidher attwalment il-kontro parti quddiem il-Qorti u tagħmel xi sottomissjonijiet, hija titqies li, għal finjiet kollha tal-Liġi, hija notifikata bl-atti kollha.*

*72. Tali analoġija għandha tapplika wkoll għall-każ odjern, peress illi jidher ben ċar illi s-soċjetà rikorrenti kienet ben a korrent tad-data meta kellha ssir is-subbasta, u qiegħda unikament tipprova taqbad ma' punt proċedurali, preċiżament pubblikazzjoni f'gazzetta lokali, sempliċement biex trendi null att legali illi hija kienet ben konxja tiegħu u li, b'tali azzjoni, qiegħda tipprova trendi nulla.*

*73. Jidher ċar illi l-kawża odjerna u t-talba hemm magħmula kienet parti minn serje ta' tentattivi illi saru, kemm qabel il-preżentata tal-kawża odjern, kif ukoll wara il-preżentata ta' tali kawża, kif jidher ukoll fil-proċeduri 933/15 illi qed jiġu deċiżi llum stess, li kienu maħsuba u intiżi mis-soċjetà rikorrenti u r-rappreżentanti tagħha sabiex ittellef dritt ottenut legalment mis-soċjetà intimata, u dana fl-ambitu ta' ġlieda ferm akbar illi l-istess rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti għandu mal-familja tiegħu u ma' terzi u li ilha għaddejja għal dawn l-aħħar tletin sena, ta' l-anqas!*

*74. Din il-Qorti, għalhekk, tqis illi ladarba s-soċjetà rikorrenti ppreżentat rikors fid-29 ta' April 1999 biex tipprova twaqqaf l-eżekuzzjoni tas-subbasta, hija għandha titqies illi kienet debitament notifikata għall-effetti kollha tal-Liġi, bir-riżultat illi l-proċess tas-subbasta kellu jitkompla, kif del resto sar, u l-liberazzjoni li seħħet fit-30 ta' April 1999 kienet waħda korretta skont il-Liġi.*

*75. Għalhekk it-talbet rikorrenti ma jimmeritawx illi jintlaqgħu.»*

13. Dakinhar tal-imsemmija sentenza ġew deċiżi wkoll il-proċeduri li jġibu referenza 933/2015, li kienu qegħdin jinstemgħu flimkien mal-kawża taħt eżami, li qegħdin jiġu deċiżi llum ukoll.

14. Il-kumpanija attriċi ressqet appell permezz ta' rikors imressaq fl-24 ta' Ottubru, 2023, u dan fuq l-aggravji li saret: (i) applikazzjoni ħażina tal-liġi; u (ii) apprezzament żbaljat tal-provi.

15. Il-kumpanija konvenuta Car Care Products Limited wieġbet permezz ta' nota fl-atti tal-appell li hija tirrimetti ruħha għall-ġudizzju tal-Qorti.

16. Min-naħa l-oħra l-kumpanija msejħa fil-kawża Euch. Zammit Company Limited wieġbet għall-imsemmi appell, b'risposta tal-4 ta' Diċembru, 2023 fejn tat ir-raġunijiet tagħha għala l-appell għandu jiġi miċħud.

17. Wara li din il-Qorti rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Konsiderazzjonijiet:**

18. Il-kumpanija appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet analiżi superfiċjali, hekk kif fissret li kienet urtata bil-fatt li l-kawża twalet aktar milli mistħoqq u li ġaladarba l-kumpanija attriċi intavolat rikors fl-atti tal-bejgħ bl-irkant jumejn qabel ma kellu jsir il-bejgħ, in-nuqqasijiet proċedurali kollha li bihom kienet imċappsa s-subbasta ġew irranġati. Issostni li l-analoġija magħmula mill-Ewwel Qorti, fejn qabblet proċeduri ta' bejgħ ta' subbasta mal-proċedura tan-notifika skont l-**Artikolu 187 tal-**

**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** hija waħda monka. Dan jingħad minnha peress li l-għan tan-notifika f'kawża huwa li l-imħarrek jiġi notifikat, filwaqt li l-proċeduri tas-subbasta huma maħsuba sabiex ikunu mgħarrfa mhux biss id-debitur, iżda numru ta' persuni, sabiex jiġi assigurat li l-proprjetà suġġett tal-bejgħ iġġib l-aħjar prezz possibbli. Għalhekk, issostni li l-fatt li d-debitur iressaq rikors fejn jitlob rimedju, ma jissanax in-nuqqas ta' notifika tal-bejgħ bl-irkant skont il-liġi, iżda l-proċedura tibqa' waħda monka.

19. Il-kumpanija appellanti tislet mill-ġurisprudenza sabiex issostni li, n-nuqqasijiet proċedurali kienu wkoll ta' sustanza, hekk kif sarrfu fi preġudizzju għaliha, kif irriżulta mill-fatt li l-barkun inbiegħ għall-prezz ta' Lm2,250, meta ftit snin qabel kien stmat li jiswa Lm49,130. Dan meta huwa prinċipju aċċettat li r-regoli preċiżi li jirriżultaw mill-Kodiċi ta' Proċedura għal kull fażi tal-bejgħ ġudizzjarju jeħtieġ li jiġu mħarsa *ad unguem.*

20. Filwaqt li l-kumpanija attriċi appellanti tagħmel rassenja ta' dak li jingħad minnha huma l-fatti u provi oħra li tqis rilevanti għall-mertu tal-kawża, tislet dawk il-provvedimenti tal-liġi li kienu applikabbli għall-bejgħ bl-irkant mertu tal-proċeduri taħt eżami. Hija ssostni li kien hemm is-segwenti nuqqasijiet fil-bejgħ bl-irkant tal-barkun taħt eżami: (i) li ma saritx in-notifika lid-debitriċi bid-digriet li bih ġie ordnat il-bejgħ; (ii) li

konsegwentement il-Qorti ma setgħetx anqas tappunta ġurnata għall-bejgħ bl-irkant, jumejn min-notifika tad-digriet; (iii) li ma saritx in-notifika lid-debitur u lill-kreditur eżekutant tal-avviż tal-ġurnata tal-bejgħ; (iv) li ma saritx il-pubblikazzjoni tal-avviż f'gazzetta lokali; (v) li minkejja li sar rikors sabiex il-persuna li mhix l-eżekutant tkun tista' toffri *animo compensandi,* il-permess ma jistax jingħata sakemm dik il-persuna tobbliga ruħha li tiddepożita l-prezz jekk jiġi hekk deċiż mill-Qorti; (vi) li ma saritx talba mix-xerrej *animo compensandi* fi żmien sebat ijiem għall-approvazzjoni tat-tpaċija, li kellha ssir permezz ta' rikors li jiġi notifikat lid-debitur; (vii) li ladarba x-xerrej ma kienx l-eżekutant, kellu jsir depożitu tal-ispejjeż li jkun għamel l-eżekutant; (viii) li l-kunsinna ssir bl-approvazzjoni tat-tpaċija; u (ix) li l-barkun seta' jiġi trasferit biss permezz ta' att tal-bejgħ taħt l-awtorità tal-Qorti u tkun l-istess Qorti li taħtar persuna sabiex tiffirma l-att tal-bejgħ.

21. L-appellanti tisħaq li lil hemm mill-fatt li r-regoli proċedurali għandhom jiġu osservati b'mod skrupoluż, dawn huma ta' ordni pubbliku, u qegħdin hemm sabiex jiġi assigurat li ħadd mill-partijiet ma jsofri preġudizzju. Fid-dawl tan-nuqqasijiet serji u numerużi li bihom kienet milquta s-subbasta, l-appellanti ssostni li l-Ewwel Qorti kienet legalment u fattwalment żbaljata meta waslet għall-konklużjonijiet tagħha. Kif ukoll li l-eċċezzjonijiet imressqa mill-imsejħa fil-kawża mhumiex mistħoqqa, inkluż dawk tal-preskrizzjoni li ssostni li japplikaw għall-proprjetà immobbli.

22. Jibda billi jingħad li din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fiċ-ċanfira mogħtija mill-Ewwel Qorti fir-rigward tad-dewmien esaġerat li ilha għaddejja din il-kawża. Huwa minnu li kien hemm żmien fejn il-kawża kienet qiegħda tiġi differita sabiex il-partijiet jittransiġu l-kawża. Madankollu, wieħed ma jistax ma jinnutax li l-kumpanija appellanti damet xejn inqas minn erbatax-il sena sabiex titlob għas-sejħa fil-kawża tal-kumpanija li xtrat il-barkun permezz tal-bejgħ bl-irkant. Dan meta permezz tal-proċeduri taħt eżami li nbdew fl-1999, hija kienet qiegħda tattakka l-bejgħ bl-irkant tal-barkun u tgħid li dan, flimkien mal-liberazzjoni li saret favur terzi kienu nulli. Tassew hija setgħet b'mod faċli tivverifika mill-atti tas-subbasta favur min kien liberat il-barkun permezz tal-bejgħ bl-irkant u mhux tistenna ħmistax-il sena sabiex tieħu passi fil-konfront ta' dawn it-terzi!

23. Wara kollox, l-istess rappreżentant tal-kumpanija attriċi xehed li huwa kellu kopja tal-inkartament tal-atti tal-bejgħ bl-irkant sa minn *"ħafna żmien ilu"*[1]. Tant ieħor, ma jirriżultax li kien hemm xi raġuni partikolari għala l-kumpanija attriċi damet ħmistax-il sena sabiex tesebixxi l-atti tas-subbasta u titlob li tiġi esibita kopja tagħhom fl-atti tal-kawża, fejn kienu qegħdin jiġu attakkati l-proċeduri li wasslu għall-imsemmi bejgħ bl-irkant ġudizzjarju, li jingħad li kien wieħed vizzjat.

[1] Ara paġna 483 tal-proċess.

24. Tajjeb li jingħad ukoll, li sa fejn l-azzjoni attriċi ssejset fuq il-kontestazzjoni li l-ammont li tiegħu kienet qiegħda tippretendi l-ħlas il-kumpanija konvenuta Car Care Products Limited (minn hawn 'il quddiem imsejħa CCPL) ma kienx dovut, ladarba l-istess kumpanija attriċi ċediet l-atti tal-kawża 2368/1998 fil-konfront tal-kumpanija CCPL, il-parti tas-sentenza appellata fejn ġiet miċħuda dik it-talba attriċi, illum tikkostitwixxi ġudikat. Wara kollox, din mhix suġġett tal-appell taħt eżami, peress li l-appell huwa ċċentrat fuq in-nullità tas-subbasta b'konsegwenza tan-nuqqas li jiġu osservati l-proċeduri stabbiliti fil-liġi, hekk kif kienet fis-seħħ fil-mument li sar il-bejgħ bl-irkant.

25. Ngħaddu għall-mertu tal-ilment tal-appellanti dwar in-nuqqasijiet proċedurali. L-ewwel ilment li jeħtieġ li jiġi ċċarat huwa t-tifsira ta' barkun u jekk dan jistax jitqies bħala bastiment jew biċċa tal-baħar. Dan jingħad peress li l-liġi tagħmel ċertu distinzjonijiet fil-proċedura li għandha tiġi adottata fejn jidħol mobbli u fejn jidħlu bastiment jew biċċa tal-baħar. L-appellanti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha għoġobha tinvoka d-definizzjoni mogħtija taħt l-**Att dwar il-Bastimenti Merkantili** fejn jingħad li «***bastiment***» tfisser kull xorta ta' biċċa tal-baħar li tintuża fin-navigazzjoni, sew jekk titmexxa bil-magni tagħha stess sew jekk le, u <u>tinkludi braken</u>, puntuni, stabbilimenti li jżommu f'wiċċ l-ilma, stallazzjonijiet jew strutturi, *oil rigs* u bċejjeċ tal-baħar oħra bħal dawn.

26. Sa fejn il-kumpanija appellanti tagħmel referenza għall-**Artikoli 32 u 36 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili**, li t-trasferiment ta' bastiment, jew f'dan il-każ barkun, seta' jiġi trasferit biss permezz ta' att ta' bejgħ, dan jingħad fir-rigward ta' <u>bastiment reġistrat</u> (ara **Artikolu 3 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili** li jipprovdi wkoll għal xi eżenzjonijiet). Mill-provi fl-atti[2] ma jirriżultax li dan il-barkun qatt kien reġistrat. Lanqas jirriżulta att ta' bejgħ ta' meta jingħad li l-kumpanija attriċi nnifisha akkwistat dan il-barkun mingħand il-kumpanija Euch. Zammit & Sons Limited. Isegwi li l-argument tal-appellanti, li l-barkun seta' jiġi trasferit biss b'att ta' bejgħ taħt l-awtorità tal-Qorti, qajla jista' jitqies ta' fejda għall-aggravju tagħha.

27. Imiss li jiġu mistħarrġa l-ilmenti tal-appellanti dwar in-nuqqasijiet marbuta man-notifiki meħtieġa mil-liġi. Huwa minnu li l-liġi teħtieġ li d-debitur ikun notifikat bid-digriet li bih il-Qorti tordna li jsir il-bejgħ bl-irkant (**Artikolu 306(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**). L-ewwel rikors għat-talba sabiex l-oġġetti elevati permezz tal-Mandat ta' Qbid 1007/1996, jinbiegħu b'subbasta tressaq minn CCPL fl-24 ta' Diċembru, 1996[3]. Din it-talba ntlaqgħet, tant li fl-atti hemm l-ewwel digriet datat 20 ta' Jannar, 1997, fejn ġie appunatat il-jum ta' 25 ta' Frar, 1997 għall-bejgħ bl-irkant[4], imbagħad, id-digriet tal-Qorti tas-27 ta' Frar, 1997

---

[2] Rilevanti f'dan is-sens hija x-xhieda ta' Michael Angelo Fenech u s-*survey* tal-Inġinier Paul Cardona fl-atti tal-proċess 933/2015 f'paġni 65 u 69 tal-imsemmi proċess.
[3] Ara paġna 347 tal-proċess.
[4] Ara paġna 346 tal-proċess.

fejn ġie appuntat il-jum tat-23 ta' April, 1997 sabiex isir il-bejgħ bl-irkant. Fiż-żewġ okkażjonijiet, kien hemm l-ordni li l-istess avviż kellu jiġi notifikat lill-kreditur eżekutant u lid-debitriċi. Fid-9 ta' April, 1997, CCPL talbet il-permess tal-Qorti sabiex tkun tista' tagħmel offerti *animo compensandi*[5]. Il-Qorti laqgħet din it-talba fl-10 ta' April, 1997, b'dan illi ordnat in-notifika bl-affissjoni, kif ukoll pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta ta' kuljum waħda bil-Malti u oħra bl-Ingliż[6].

28. Sar rikors mill-kumpanija attriċi fejn intalbet is-sospensjoni tal-bejgħ bl-irkant[7] sakemm tiġi deċiża l-kawża ppreżentata minnha 2873/1996. Dan ifisser li l-appellanti bħala debitriċi kienet notifikata bid-digriet tal-Qorti dwar il-bejgħ bl-irkant. Saret risposta minn Michael Fenech bħala Direttur u b'rappreżentanza ta' CCPL (il-kreditriċi) fejn ingħad li aċċetta li tiġi milqugħa t-talba għas-sospensjoni tal-bejgħ[8]. Saret ċedola ta' depożitu bl-ispejjeż għas-sospensjoni tal-bejgħ bl-irkant.[9] Inqala' diżgwid bejn id-diretturi taż-żewġ kumpanija (CCPL u Fenech Oil and Petroleum Company Limited – minn hawn 'il quddiem imsejħa FOPCL). Għalhekk jirriżulta li l-kumpanija appellanti fil-fatt ġiet notifikata bl-ewwel digriet tal-Qorti li ordna l-bejgħ bl-irkant tal-ħwejjeġ maqbuda.

---
[5] Ara paġna 260 tal-proċess.
[6] Ara paġna 261 tal-proċess.
[7] Ara paġna 361 tal-proċess.
[8] Ara paġna 364 tal-proċess.
[9] Ara paġna 362 tal-proċess

29. Fl-istess żmien daħlet fix-xena l-kumpanija msejħa fil-kawża, li permezz ta' numru ta' rikorsi ddikjarat li kellha sentenza li permezz tagħha ġiet awtorizzata teżegwixxi sentenza fejn hija ġiet kanonizzata bħala kreditriċi ta' FOPCL u talbet lill-Qorti sabiex tidħol fl-atti tal-irkant bħala kreditur eżekutant ieħor[10], kif ukoll sabiex jiġi appuntat jum, ħin u lok għall-bejgħ bl-irkant u li tiġi awtorizzata sabiex tagħmel offerti *animo compensandi*[11]. B'digriet tat-28 ta' Settembru, 1998[12], intlaqgħet it-talba sabiex isiru offerti *animo compensandi*, b'dan li ordnat ukoll li jsiru n-notifiki skont il-liġi. Minkejja li tħallsu n-notifiki u ż-żidiet, ma jirriżultax li FOPCL ġiet notifikata. F'rikors ieħor ta' Euch. Zammit & Sons Limited jingħad li b'digriet tal-14 ta' Lulju, 1998, kien hemm iffissat il-jum tat-12 ta' Ottubru, 1998 għall-bejgħ bl-irkant, li madankollu ma sarx peress li l-kumpanija debitriċi (FOPCL) u l-kreditur eżekutant (CCPL) baqgħu mhux notifikati[13].

30. Dan ir-rikors wassal għad-digriet tal-Qorti tas-27 ta' Jannar, 1999, fejn intlaqgħet it-talba, tal-kumpanija Euch. Zammit & Sons Limited tad-19 ta' Jannar, 1999, u ġie appuntat il-jum tat-30 ta' April, 1999, għall-bejgħ bl-irkant u ġie ordnat li jiġu notifikati d-debitriċi u l-kreditur eżekutant[14]. Jirriżulta li ġie ppubblikat l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern tat-2 ta' Frar,

[10] Ara paġna 274 tal-proċess.
[11] Ara paġna 275 u 277 tal-proċess.
[12] Ara paġna 278 tal-proċess.
[13] Ara paġna 281 tal-proċess.
[14] Ara paġna 276 tal-proċess.

1999[15], iżda minkejja li saru attentati ta' notifika, CCPL u FOPCL baqgħu mhux notifikati[16]. Dan wassal għat-talba sabiex issir in-notifika permezz tal-affissjoni[17]. Il-Qorti laqgħet din it-talba u skont ir-riferta saret l-affissjoni fil-każ ta' CCPL fis-26 ta' April, 1999[18].

31. Għalkemm ma tirriżultax in-notifika bl-affissjoni tal-kumpanija attriċi FOPCL, hija ressqet rikors fid-29 ta' April, 1999, fejn ingħad minnha li ġiet mgħarrfa bl-affissjoni fis-27 ta' April, 1999 u talbet is-sospensjoni tal-bejgħ bl-irkant[19], kif ukoll saret ċedola ta' depożitu sabiex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż marbuta mas-sospensjoni tal-bejgħ bl-irkant fid-29 ta' April, 1999[20]. Fir-rigward tar-rikors fejn intalbet is-sospensjoni tal-bejgħ bl-irkant, jirriżulta li l-Qorti ċaħdet dik it-talba, l-għada fit-30 ta' April, 1999, dakinhar stess li saret is-subbasta. Fl-1 ta' Mejju, 1999, tressaq Mandat ta' Inibizzjoni sabiex CCPL u r-Registratur tal-Qrati jiġu inibiti milli jitrasferixxu lil terzi persuni l-barkun u ż-żjut (meta allura s-subbasta kienet laħqet saret).

32. Għalhekk, fir-rigward tal-fatti kif elenkati mill-kumpanija appellanti, tajjeb li jiġi ppreċiżat li għalkemm huwa minnu li kien hemm diversi appuntamenti mogħtija mill-Qorti sabiex issir is-subbasta tal-barkun u taż-

[15] Ara paġna 289 tal-proċess.
[16] Ara paġna 285 tal-proċess.
[17] Ara rikors f'paġna 286 tal-proċess.
[18] Ara paġna 292 tal-proċess.
[19] Ara paġni 294 u 295 tal-proċess.
[20] Ara paġna 293 tal-proċess.

żjut li għal xi raġuni jew oħra tħassru, fl-aħħar mill-aħħar, il-bejgħ bis-subbasta saret fil-ġurnata magħżula mill-Qorti[21], jiġifieri fit-30 ta' April, 1999, u mhux fl-4 ta' Mejju, 1999, kif donnha tagħti x'tifhem il-kumpanija attriċi appellanti. Dan jirriżulta ċar mill-verbal tal-marixxal tal-Qorti inkarigat[22] fejn għalkemm skont it-timbru, dan l-verbal iddaħħal fir-Reġistru tal-Qorti fl-4 ta' Mejju, 1999, fih jingħad ċar li s-subbasta seħħet fit-30 ta' April, 1999, kif ordnat mill-Qorti, jiġifieri qabel ma ntlaqa' f'parti minnu l-mandat ta' inibizzjoni. Għalhekk, ma kien hemm xejn li jżomm is-subbasta ordnata mill-Qorti milli ssir, jew li l-kumpanija msejħa fil-kawża milli takkwista l-imsemmi barkun.

33. Huwa minnu li l-ġurisprudenza tgħallem li r-regoli tal-proċedura qegħdin hemm sabiex jiġu osservati, kemm sabiex jiġu mħarsa l-interessi tad-debitur, kif ukoll dawk tal-kreditur (ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Ottubru, 2021, fil-kawża fl-ismijiet ***Kevin Caruana et v. Carmen German et***, fejn hemm issir referenza għal sentenza oħra tad-29 ta' April, 2016, fl-ismijiet ***Anthony Mario Vella et v. HSBC Bank Malta plc et***, kif ukoll il-ġabra tal-ġurisprudenza hemm magħmula). Hekk ukoll, ingħad li għalkemm il-Qorti tqis il-ħarsien xieraq ta' regoli proċedurali ewlenin fit-tmexxija 'l quddiem ta' proċess ta' bejgħ ġudizzjarju, jiġbed fuqu sanzjonijiet li jolqtu s-siwi nnifsu ta' dak il-proċess, mhux kull ksur tar-regoli jġib miegħu dan l-effett radikali (ara s-sentenza

[21] Ara digriet tas-27 ta' Jannar, 1999, f'paġna 439 tal-proċess.
[22] Ara paġna 469 tal-proċess.

tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Ġunju, 2021, fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony sive Antoine Vassallo et v. HSBC Bank Malta p.l.c.***).

34. Għalhekk dan il-prinċipju li jitħarsu r-regoli tal-proċedura, mhuwiex wieħed assolut, kif donnha tagħti x'tifhem il-kumpanija attriċi appellanti. Fis-sentenza ***Caruana et v. German et*** ingħad:

> *«Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza ta'* ***John Baptist Chiappa u martu Miriam Chiappa v. Joseph M. Formosa nomine et*** *hawn fuq ċitata tħaddan l-insenjament kontentut fis-sentenza ta'* ***Scerri v. Assistent Reġistratur tal-Qrati ta' Għawdex et nomine,***
>
> > *"(c) Finalment hi f'posta r-riferenza tal-appellati għall-prinċipji enunċjati f'sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet "****Scerri v. Assistent Reġistratur tal-Qrati t'Għawdex et noe****" (Volum LXXV.i. 500- 506) fejn jingħad "diversi artikoli bis-subtitolu 2 tat-titolu vii tal-****Kap 12*** *huma intiżi biex jattiraw l-akbar numru ta' offerenti biex il-bejgħ ukoll jirrealizza l-għola prezz. Dawn huma r-regoli ta' pubblicità tal-pubblikazzjoni tal-avviżi bl-istimi, l-kwindena u anke l-lok fejn jinżamm l-irkant. Għalhekk, għalkemm huwa veru li l-banditur għandu jidderiġi huwa l-irkant u għal buon ordni huwa awtorizzat li jieħu l-provvedimenti kollha adegwati, dawn ma jistgħux ikunu tali li jmorru kontra r-rekwiżiti essenzjali tal-irkant li jiżdiedu l-offerti u jogħla l-prezz." Dan il-prinċipju fundamentali kellu ġustament jiġi osservat billi r-regoli preċiżi li l-Kodiċi jimponi għal kull fażi tal-bejgħ ġudizzjarju kellhom jiġu osservati "ad unguem" u meta regola li sostanzjalment tinċidi fuq il-possibbiltà illi jiġi preġudikat il-fini li tiġi assigurata l-massima pubblicità u l-possibbiltà tal-akbar numru ta' offerenti tiġi għal xi raġuni tkun xi tkun injorata, dan ma setax ma jwassalx ghan-nullità tal-proċess kollu."*
> >
> > *…*
> >
> > *Din il-Qorti in linja mal-insenjament tad-deċiżjonijiet tal-Qrati Maltin, kienet taqbel mal-atturi appellanti fis-sens illi kieku l-proċedura ta' subbasta li bih il-fond mertu tal-kawża ġie liberat favur il-Bank konvenut appellat kienet vizzjata b'difetti serji dawn id-difetti kienu jirrenduhom nulli.* ***Din il-Qorti però taqbel mal-Ewwel Qorti meta rrikonoxxiet illi seta' kien hemm xi nuqqasijiet fil-proċeduri tas-subbasta iżda mhux tali li jivvizjaw il-proċeduri, għalkemm huwa minnu li dawn il-provvedimenti tal-liġi proċedurali huma intiżi sabiex jassikuraw li kull bejgħ in subbasta jsir rite et recte u konformament mad-dettami stretti tal-proċedura.****'»* (enfasi ta' din il-Qorti).

35. Meta jitqies dan it-tagħlim fil-kuntest tal-każ li għandna quddiemna, din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti, li meta wieħed jara l-ġabra sħiħa tal-provi jista' jqis li kemm il-kumpanija attriċi appellanti bħala d-debitriċi, kif ukoll il-kumpanija CCPL bħala l-kreditriċi eżekutanti kienu debitament notifikati bid-digriet tal-Qorti tal-ordni ta' bejgħ bl-irkant u bl-avviż tal-bejgħ bl-irkant, tant li l-kumpanija attriċi u CCPL ħadu azzjoni sabiex jissospendu l-bejgħ bl-irkant tal-Qorti. Wara kollox, il-ħtieġa tan-notifika tal-atti u d-digrieti tal-Qorti marbuta mal-bejgħ bl-irkant lid-debitriċi huma mezz sabiex jiġi assigurat li d-debitriċi tkun mgħarrfa bil-proċeduri u li titqiegħed f'pożizzjoni li tiddefendi ruħha. Ladarba l-parti li jeħtieġ li tiġi notifikata b'att ġudizzjarju jew digriet tal-Qorti, tkun ħadet il-passi sabiex tikkontesta dak l-att jew digriet lilha notifikat, jitqies li l-jeddijiet ta' dik il-persuna jkunu mħarsa. Dan lil hemm mill-fatt li fil-każ taħt eżami, il-Qorti ċaħdet it-talba tagħha għas-sospensjoni, jibqa' l-fatt li ngħatat iċ-ċans li tressaq l-oppożizzjoni tagħha.

36. Min-naħa l-oħra, huwa minnu li minn ezami tal-atti, kien hemm nuqqas meta ma kienx imħares il-provvediment tal-**Artikoli 314(2)(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, li dak iż-żmien kien jipprovdi li f'xi każijiet, fosthom fil-każ ta' bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, il-Qorti għandha tordna li dak l-avviż għandu jiġi pubblikat ukoll f'gazzetta waħda jew iżjed (dan minbarra l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, li kif rajna f'dan il-każ saret). Fil-fatt mill-atti ma rriżultax li l-Qorti

tat ordni li l-pubblikazzjoni tkun f'aktar minn ġurnal wieħed, li jfisser li l-pubblikazzjoni tal-avviż kellha ssir imqar f'ġurnal wieħed, iżda ma tressqitx prova li fil-fatt ġie ppubblikat l-avviż tal-bejgħ bl-irkant f'ġurnal ta' kuljum. F'kull każ, il-prova tal-pubblikazzjoni f'ġurnal lokali kellha tirriżulta mill-atti.

37. Madankollu, meta wieħed iqis l-għan wara dan il-provvediment tal-liġi, jiġifieri li jkun hemm ir-reklamar meħtieġ sabiex ikun hemm konkors ta' persuni li jkunu jistgħu joffru prezz xieraq, sabiex jiġu mħarsa wkoll l-interessi tad-debitur li jingħata l-ogħla prezz possibbli, din il-Qorti ma ssibx li s-subbasta kienet vizzjata. Dan jingħad peress li mill-verbal tal-bejgħ bl-irkant irriżulta li dakinhar dehru tliet offerenti (kif meħtieġ taħt l-**Artikolu 324(a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**). Dan ifisser li r-reklamar li kien sar kien effettiv, tant li wassal għall-konkorrenza xierqa sabiex isir il-bejgħ bl-irkant.

38. Minkejja li l-appellanti tisħaq li hija sfat preġudikata, hekk kif ġie aċċettat il-prezz ta' Lm2,250 għall-imsemmi barkun, li jingħad li huwa frazzjoni żgħira tal-valur tal-barkun, din il-Qorti mhix konvinta lanqas minn dan l-ilment tal-appellanti. Lil hemm mill-fatt li l-offerenti kollha offrew prezz simili għal dak li bih ġie liberat il-barkun, għalkemm l-appellanti tistrieħ fuq ix-xhieda tar-rappreżentant tagħha u ta' *survey* li sar tal-imsemmi barkun, ix-xhieda ta' Michael Angelo Fenech mhix sostnuta bi

provi ċari li wieħed jista' joqgħod fuqhom, filwaqt li s-*survey* ta' Paul Cardona li tistrieħ fuqu l-appellanti sar f'Ottubru 1985, jiġifieri madwar erbatax-il sena qabel il-bejgħ bl-irkant u għalhekk qajla tista' titqies bħala stima reali, meta barkun espost għall-elementi fil-baħar, mingħajr ma ssirlu manutenzjoni xierqa huwa destinat li jiddeterjora. Lanqas tressqet prova ta' meta u x'tip ta' manutenzjoni saret fuq il-barkun mill-appellanti meta dan kien għadu għandha.

39. Wara kollox, il-kumpanija attriċi setgħet ukoll tħares l-interessi tagħha, billi hekk kif skattaw il-proċeduri ta' subbasta*,* titlob li ssir stima tal-barkun (kif kien jipprovdi l-**Artikolu 307(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**). Lanqas hemm prova li l-kumpanija appellanti, bħala debitriċi, kemm ta' CCPL, kif ukoll tal-kumpanija msejħa fil-kawża, kienet qiegħda ssegwi l-atti tal-bejgħ bl-irkant u tieħu ħsieb l-interessi tagħha kif imiss. Għalhekk l-appellanti lanqas irnexxielha tipprova b'mod xieraq li hija ġarrbet xi preġudizzju minħabba n-nuqqas li ssir il-pubblikazzjoni f'gazzetta oħra, meta l-oneru tal-prova li hija ġarrbet preġudizzju kien jaqa' fuqha.

40. Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti ma tqisx li dan in-nuqqas ta' pubblikazzjoni tal-avviż f'gazzetta lokali, kien iwassal għan-nullità tal-bejgħ bl-irkant. Wara kollox, bħala punt ta' prinċipju, kif ingħad drabi oħra, in-nullità ta' atti ġudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-liġi trid li tiġi fis-seħħ

biss meta n-nuqqas - formali u sostanzjali - fl-att ma jistax jiġi assolutament ittollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali.

41. Sa fejn il-kumpanija attriċi appellanti tilmenta li l-kunsinna ta' ħwejjeġ mobbli ssir bl-għoti tal-ħaġa u bid-depożitu tal-prezz, jew bl-approvazzjoni tat-tpaċija, tajjeb jingħad li ma jistax ikun li l-appellanti daqqa tinvoka l-provvedimenti dwar il-bastimenti u daqqa tinvoka l-provvedimenti dwar ħwejjeġ mobbli, skont kif jaqblilha. Jiġi osservat li l-liġi (**Artikolu 331 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**) tirregola l-kwistjoni tal-kunsinna ta' bastimenti u ħwejjeġ oħra tal-baħar, bħala separata u distinta mill-kunsinna ta' ħwejjeġ mobbli.

42. Filwaqt li huwa minnu li l-**Artikolu 331(2)** jipprovdi li l-kunsinna ta' ħwejjeġ mobbli ssir bl-għoti tal-ħaġa u bid-depożitu tal-prezz jew bl-approvazzjoni tat-tpaċija, fil-każ ta' bastimenti, jew bċejjeċ oħra tal-baħar fl-**Artikolu 331(3)** jingħad li l-qorti <u>tista' tagħmel dawk l-ordnijiet li hija tqis li jkunu xierqa sabiex tiżgura li l-proprjetà liberata tiġi konsenjata lix-xerrej minnufih malli x-xerrej jagħmel dik il-garanzija li l-qorti tista' tistabbilixxi biex tħares it-talbiet tal-partijiet</u>. Jingħad ukoll li dawk l-ordnijiet jistgħu wkoll jingħataw f'każijiet oħra meta l-qorti tikkunsidra li dewmien fil-konsenja tal-proprjetà jista' jikkawża preġudizzju serju lix-xerrej. Fl-aħħar

jingħad ukoll li ordni mogħti bis-saħħa ta' dan is-subartikolu ma jista' jiġi kkontestat b'ebda mod u għandu jitwettaq minnufih.

43. Għalhekk minn qari ta' dan il-provvediment tal-liġi, għalkemm sabiex isseħħ il-kunsinna ta' ħwejjeġ mobbli jeħtieġ li jkun hemm kemm l-għoti tal-ħaġa, kif ukoll id-depożitu tal-prezz, jew l-approvazzjoni tat-tpaċija, dan mhux meħieġ *ad validitatem* fil-każ ta' bastimenti jew bċejjeċ tal-baħar. F'dan l-aħħar każ, il-Qorti tingħata l-għażla li tħaddem id-diskrezzjoni tagħha li tagħti dik l-ordni li jidhrilha xierqa, sabiex il-proprjetà liberata tiġi konsenjata minnufih lix-xerrej. Il-Qorti għal darb'oħra tingħata l-għażla tqis jekk ix-xerrej għandux jagħmel garanzija jew le, sabiex jitħarsu t-talbiet tal-partijiet. Għaldaqstant jista' jingħad ukoll li fil-każ taħt eżami, fin-nuqqas ta' ordni tal-Qorti sabiex tingħata xi forma ta' garanzija (u b'dan wieħed jifhem li l-ordni tingħata wara li l-parti interessata, jiġifieri jew id-debitriċi jew il-kreditur eżekutant tkun ressqet xi forma ta' talba f'dan is-sens) hekk kif il-marixxal tal-Qorti, ġie ordnat li jwettaq il-bejgħ bl-irkant, mingħajr ebda kundizzjoni jew kwalifika, tabilħaqq il-kunsinna twettqet minnufih mal-liberazzjoni tal-barkun favur il-kumpanija msejħa fil-kawża, mingħajr il-ħtieġa ta' ebda formalità oħra. Isegwi li lanqas dan l-ilment tal-appellanti ma jitqies bħala mistħoqq.

44. Ngħaddu għall-ilment tal-appellanti li meta jsir rikors minn persuna li mhix eżekutant sabiex toffri *animo compensandi,* il-permess ma jiġix

mogħti, sakemm il-persuna ma tobbligax ruħha li tiddepożita l-prezz jekk jiġi hekk deċiż mill-Qorti. Dan l-ilment tal-kumpanija appellant jissejjes fuq l-**Artikolu 334 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Għal darb'oħra, il-liġi tħalli f'idejn il-Qorti sabiex tiddeċiedi jekk it-talba magħmula minn kreditur (li ma jkunx l-eżekutant) li jagħmel offerta *animo compensandi* tkunx marbuta b'xi kundizzjoni (depożitu tal-prezz) u għalhekk ma kinitx ħtieġa proċedurali, kif tittanta targumenta l-appellanti. Wara kollox, fit-tieni subinċiż fl-istess provvediment tal-liġi jingħad li dik il-kundizzjoni tiġi magħmula wkoll f'każ li jkun hemm oppożizzjoni għat-talba li joffri *animo compensandi*.

45. F'dan ir-rigward ta' min josserva wkoll, li fejn il-liġi taħseb għal kif kreditur, kif hemm imfisser, li jitlob lill-qorti l-permess sabiex joffri *animo compensandi* ma teħtiġx li ssir in-notifika ta' dak ir-rikors lid-debitur (ara **Artikolu 333 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**). Jiġi nnutat ukoll li l-**Artikolu 335** jgħid li: «*Kull min għandu interess jista' jagħmel oppożizzjoni kontra t-talba għall-permess ta' offerta 'animo compensandi'*.» Huwa ovvju li fil-każ taħt eżami, kienu l-kumpanija attrici u l-kreditur eżekutant (CCPL) li kellhom interess u setgħu jopponu għat-talba jekk riedu. Ladarba dawn għażlu li jillimitaw l-oppożizzjoni tagħhom fis-sens li talbu biss is-sospensjoni tas-subbasta u ma wrewx oppożizzjoni għat-talba li jkun hemm offerti *animo compensandi,* l-ilment

tal-appellanti dwar in-nuqqas li jiġi depożitat il-prezz f'dan l-istadju, mhux ġustifikat.

46. Issa ser jiġu trattati f'daqqa l-ilmenti tal-kumpanija appellant dwar it-talba għall-approvazzjoni tat-tpaċija, id-depożitu tal-ispejjeż tal-eżekutant u n-notifika tar-rikors li bih issir it-talba għall-approvazzjoni tat-tpaċija. L-**Artikolu 337 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** fiż-żmien relattiv għall-bejgħ bl-irkant taħt eżami, kien jipprovdi li x-xerrej *animo compensandi* għandu fiż-żminijiet imsemmija fl-**Artikolu 328** (f'dan il-każ sebat ijiem), jitlob permezz ta' rikors l-approvazzjoni tat-tpaċija u jiddepożita l-bqija tal-prezz, f'każ li l-prezz ikun jiskorri l-kreditu u l-ispejjeż (li mhux il-każ li għandha quddiemha din il-Qorti), u għandu jġib id-dokumenti meħtieġa li jippruvaw il-kreditu tiegħu. Filwaqt li t-tieni subinċiż kien jipprovdi li meta x-xerrej ma jkunx l-eżekutant, huwa għandu wkoll jiddepożita l-ispejjeż li l-eżekutant ikun għamel għall-kanonizzazzjoni tal-kreditu tiegħu u għall-irkant. Min-naħa l-oħra, l-**Artikolu 338 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili,** fiż-żmien rilevanti kien jipprovdi:

> *«(1) It-talba għall-approvazzjoni tat-tpaċija msemmija <u>għandha</u> ssir b'rikors, u dan <u>għandu jiġi notifikat</u> lid-debitur u lil dawk li jkunu għamlu oppożizzjoni, jew li b'talba tagħhom ikunu saru mandati ta' qbid jew ta' sekwestru jew ta' impediment ta' safar, kif imsemmi fl-artikolu 335.»*

47. Minn qari ta' dawn il-provvedimenti tal-liġi, tabilħaqq jirriżulta li f'dan il-każ ma hemm ebda għażla u li allura t-talba għall-approvazzjoni tat-

tpaċija, tad-depożitu tal-ispejjeż u tat-talba għall-approvazzjoni tat-tpaċija tiġi notifikata lid-debitur, kienu meħtieġa li jsiru. Mill-kopji tal-atti tal-bejgħ bl-irkant ma jirriżultax li saru dawn il-passi meħtieġa, peress li l-aħħar dokument fl-imsemmija atti tal-bejgħ bl-irkant, kif esibit mill-appellanti[23] huwa l-verbal tal-marixxal li bih seħħet il-liberazzjoni tal-barkun[24].

48. Lanqas qiegħed jingħad mill-kumpanija appellata li dawn saru, hija sempliċement tistrieħ fuq il-fatt li hija akkwistat il-barkun b'rieda tajba mingħand min kellu s-setgħa li jbiegħu u li minn dak il-mument baqgħet fil-pussess tal-barkun bħala sid assolut u mingħajr xkiel sakemm ħmistax-il sena wara kienet notifikata bil-proċeduri taħt eżami.

49. M'hemmx dubju li nuqqas ta' ħarsien ta' proċeduri ġudizzjarji, jista' jwassal għal nuqqas ta' smigħ xieraq u għalhekk jeħtieġ li din il-Qorti tistħarreġ l-għan tal-liġi taħt eżami u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' ħarsien tal-proċedura. Kif osservat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Novembru, 2013, ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar, 2019 fil-kawża fl-ismijiet ***Teresa Bonnici v. HSBC Bank Malta p.l.c.***, fejn f'dak il-każ, kien qiegħed jiġi mistħarreġ fost affarijiet oħra, ilment dwar in-nuqqas ta' notifika tad-debitriċi bit-talba għall-approvazzjoni tat-tpaċija:

---

[23] Dan id-dokument ma jirriżultax mill-kopja tal-atti esibita mir-rappreżentant tad-Direttur Ċivili tal-Qrati, li proprju xehdet li l-atti mhumiex kompluti u li hemm numru ta' dokumenti neqsin – ara paġna 315 tal-proċess.
[24] Ara paġna 313 tal-proċess.

*«Minn qari tal-**artikolu 338(1)** ma hemmx dubju li n-notifika tad-debitur bir-rikors għall-approvazzjoni hija meħtiega tassattivament. Il-Qorti ma tistax tittollera li jsiru proċeduri ġudizzjarji minghajr ma jkun osservat id-dritt għas-smigħ xieraq u għandha obbligu li teżamina l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu għall-każ in eżami. Dan ma ġiex konċess lill-attriċi fil-fażi sussegwenti għal-liberazzjoni tal-proprjetà. Il-Liġi stess ma tipprovdix x'għandu jsir biex tali nuqqas jiġi ssanat. Kulħadd, inkluż id-debitur, għandu d-dritt li jopponi għat-talba għall-approvazzjoni u f'tali każ, il-kreditur/xerrej ikollu jipproċedi b'kawża. Għalhekk dan in-nuqqas ma jistax jiġi sanat mod ieħor kif jitlob l-**artikolu 789 tal-Kap.12**.*

*Hija ċara li l-leġislatur qed jitlob in-notifika tat-talba għall-approvazzjoni tat-tpaċija minkejja li d-debitur ikun ġa ġie notifikat bl-atti tas-subbasta anteċedenti għal-liberazzjoni tal-fondi subbastati. Altrimenti ma kien ikun hemm ebda raġuni loġika sabiex il-leġislatur jirrikjedi n-notifika tad-debitur f'dan l-istadju aħħari tal-proċeduri tas-subbasta.*

***Hawnhekk il-Qorti tosserva li l-attriċi ma tat l-ebda raġuni għaliex il-Bank ma kellux jingħata l-approvazzjoni mistħoqqa għat-tpaċija**. Lanqas jirriżulta li hi qed tikkontesta l-prijorità jew privileġġ vantat mill-Bank bħala kreditur tagħha u wisq inqas qed tikkontesta l-valur mogħti lill-beni immobbli mill-perit nominat fl-atti tas-subbasta, u l-offerta finali aġġudikata favur il-Bank. Difatti ma ressqet ebda kontestazzjoni li timmilita fis-sustanza tagħha kontra it-talba magħmula mill-Bank li joffri animo compensandi u saħansitra biex jottjeni l-approvazzjoni tat-tpaċija.*

*…*

*In-nuqqas tan-notifika tar-rikors tat-12 ta' April 2000 lanqas ma jfisser li l-liberazzjoni tal-proprjetà immobbiljari favur il-Bank eżekutant hija nulla imma jfisser li l-kunsinna tal-proprjetà tal-beni immobbli għandha titqies sospiża sakemm it-talba għall-approvazzjoni tat-tpaċija tiġi notifikata lid-debitriċi.»*

50. Il-Qorti tal-Appell f'dik il-kawża tenniet ukoll li n-nuqqas ta' ħlas tal-prezz tal-irkant fiż-żmien mogħti mil-liġi ma jwassalx għat-tħassir jew in-nullità tal-proċess tal-bejgħ b'irkant ġudizzjarju, imma jnissel biss, fil-każijiet kongruwi, sanzjonijiet fuq l-offerent li jonqos li jeffettwa l-ħlas (ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-13 ta' Marzu, 2001, fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Bezzina et v. Martin Grima et***).

51. Il-kunsinna f'dan il-każ għaddiet minnufih mal-liberazzjoni tal-barkun favur il-kumpanija msejħa fil-kawża. Lanqas jista' jiġi mwarrab il-fatt li l-barkun baqa' fil-pussess tal-istess għal ħmistax-il sena sħaħ qabel ma ġiet rinfaċċata b'din il-kawża! Minkejja li l-kumpanija appellata naqset milli tosserva l-proċedura maħsuba fil-liġi dwar l-approvazzjoni għat-tpaċija, id-depożitu tal-ispejjeż u t-talba għall-approvazzjoni tat-tpaċija tiġi notifikata lid-debitur, lanqas jista' jingħad li l-liġi kienet tipprovdi li dan in-nuqqas iwassal għan-nullità tal-proċeduri tal-bejgħ bl-irkant, nullità li f'kull każ kellha tkun espressament dikjarata mil-liġi (kif wara kollox tagħmel f'ċirkostanzi oħra – ara b'eżempju l-**Artikolu 351 tal-Kodiċi**).

52. Konsegwentement ma setgħetx l-istess debitriċi appellant tippretendi li tavvantaġġa ruħha min-nuqqas aktarx ġenwin tal-appellata. Wara kollox, lanqas jista' jiġu mwarrba l-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

(i) L-għan wara n-notifika meħtieġa skont l-**Artikolu 338** huwa li d-debitur u l-kreditur eżekutant jingħataw iċ-ċans li jressqu oppożizzjoni għat-talba tal-approvazzjoni għat-tpaċija u li l-partijiet jingħataw smigħ sommarju mill-Qorti qabel tiddeċiedi fir-rigward. Minkejja l-fatt li bin-nuqqas riskontrat l-appellanti ma ngħatatx ċans topponi għat-tpaċija, hija fissret l-oppożizzjoni tagħha permezz tal-proċeduri taħt eżami;

(ii) Madankollu l-kumpanija attriċi ma tat l-ebda raġuni valida għala l-imsejħa fil-kawża ma kellhiex tingħata l-approvazzjoni mill-Qorti għat-tpaċija u sa fejn jingħad minnha li ġarrbet preġudizzju fil-prezz li tħallas għall-barkun permezz tal-bejgħ bl-irkant, kif rajna hija naqset li tipprova kif imiss dan l-ilment tagħha;

(iii) Il-kumpanija eżekutanti (CCPL) ma ressqet l-ebda pretensjoni li titħallas tal-ispejjeż ġudizzjarji magħmula minnha b'rabta mal-eżekuzzjoni tal-kreditu tagħha, meta ressqet il-proċedura tal-bejgħ bl-irkant ġudizzjarju; u

(iv) Minkejja li l-kumpanija appellanti kienet notifikata b'żewġ atti ġudizzjarji li saru fl-2010 u fl-2015, fejn ġiet interpellata għall-ħlas tal-bilanċ dovut lill-kumpanija msejħa fil-kawża[25] fejn saret referenza u kien hemm anness rendikont tal-ammonti dovuti minnha, inkluż it-tpaċija li seħħet bl-imsemmija liberazzjoni tal-barkun bis-saħħa tal-irkant ġudizzjarju li seħħ fit-30 ta' April, tas-sena 1999, hija qatt ma kkontestat tali tpaċija. Saħansitra damet ħmistax-il sena sabiex tieħu passi fil-konfront tal-imsejħa fil-kawża!

53. Għalhekk din il-Qorti mhix konvinta li l-kumpanija appellanti ġarrbet xi preġudizzju bin-nuqqas tal-kumpanija appellata li ssegwi l-proċedura stabbilita mil-liġi. Għalkemm għal konsiderazzjonijiet differenti minn dawk

[25] Ara ittri uffiċjali u rendikont hemm annessi esebiti f'paġni 525 sa 530 tal-proċess.

magħmula mill-Ewwel Qorti, issib li għamlet sew meta warrbet il-pretensjonijiet attriċi u bħalha ma ssibx li l-bejgħ bl-irkant tal-Qorti kien milqut min-nuqqasijiet li jġibuh ma jiswiex.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-kumpanija attriċi appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata fis-sħiħ.

L-ispejjeż tal-appell jinġarru mill-istess kumpanija appellanti.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Christian Falzon Scerri
Imħallef

Josette Demicoli
Imħallef

Deputat Reġistratur
ss